# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum it-30 ta' Jannar 2020**

Appell numru 8 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Charmaine PACE**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-8 Ta' Jannar 2018 fil-konfront ta' Charmaine PACE, karta tal-identita bin-numri 386775M fejn ġiet mixlija talli (in suċċint):

   > Talli fl-24 ta' Lulju 2009 ghal habta tat-tmienja u nofs (8.30p.m.) u d-disgha ta' filghaxija (9.00p.m.) gewwa numru 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi, bi kliem insulentat u heddedt lis-Supretendent Sandro Gatt li hu membru tal-Korp tal-Pulizija, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' orgni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qabdet sieq ta' siggu kontra PCl176 Kurt Zahra li hu membru tal-Korp tal-Pulizija, nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghha, kkagunat lill-istess PCl176 Kurt Zahra, jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu;
4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija li huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tobdi ordnijiet legittimi moghtija lilha minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati mil-Ligi u minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu l-qadi ta' dmirijiethom.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hawn fuq imsemmija, fejn dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 251B u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali iddikjarat li kienet qed issib lill-imputata ħatja tiegħu għall-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotta kontriha u kkundannatha għall-multa komplessiva ta' erbat elef euro (€4000) filwaqt li ddikjaratha mhux ħatja tat-tielet u l-ħames imputazzjoni u lliberatha minnhom.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħatja permezz ta' rikors li jġib id-data tal-10 ta' Jannar 2018 li permezz tiegħu hija ressqet l-aggravju relattiv għall-piena li ġiet inflitta u dan in kwantu l-appellanti kienet persuna diżokkupata, marida b'dipressjoni kronika u kienet taħt il-kura ta' psikjatra u għalhekk ma kellhiex il-mezzi biex tħallas il-multa, li fi kwalunkwe każ kienet eċċessiva.

4. Illi l-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell, fosthom li qablu li l-Qorti kienet sabet il-ħtija fuq it-tieni imputazzjoni, li pero kienet imputazzjoni ibrida u per konsegwenza inċerta li tirrendi s-sentenza nulla.

5. Illi l-Qorti rat li fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellanta ħatja tat-tieni imputazzjoni li ġiet redatta mill-Prosekuzzjoni b'dan il-mod :

> 2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qabdet sieq ta' siggu kontra PCl176 Kurt Zahra li hu membru tal-Korp tal-Pulizija, nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

6. Illi skont is-sentenza tal-Qorti Kriminali eżerċenti l-funzjoni ta' Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Carmela Micallef***, deċiża mill-Imħallef William Harding nhar is-16 t'April 1955,

> Fil-każ preżenti, l-uffiċjal prosekutur uża lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-liġi, la f'inċiż wiehed u anqas fl-ieħor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege". Infatti, jingħad hekk fiċ-ċitazzjoni: "Ghamlu storbju bl-ghajjat u bil-glied". L-inċiż (m) ma jghidx hekk, imma jghid: "Bil-lejl, jikser ilmistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor";

7. Illi din il-lokuzzjoni spurja użata mill-Prosekutur twassal biex iġġib inċertezza dwar dak li l-Qorti tal-Maġistrat sabet ħtija dwaru. Mhux mifhum x'kellu f'moħħu jimputa l-uffiċjal prosekutur b'din il-lokuzzjoni. Ta min jgħid li l-Qorti sabitha ħati tal-ewwel imputazzjoni li kienet taqra hekk : -

> Talli fl-24 ta' Lulju 2009 ghal habta tat-tmienja u nofs (8.30p.m.) u d-disgha ta' filghaxija (9.00p.m.) gewwa numru 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi, bi kliem insulentat u heddedt lis-Supretendent Sandro Gatt li hu membru tal-Korp tal-Pulizija, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li

> kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' orgni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

8. Din jidher li b'xi mod tirrifletti l-kliem li jitnissel mill-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm mhux kelma b'kelma, l-Qorti fehmet liema imputazjoni kellu f'moħħu l-prosekutur. Mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputata ħatja wkoll tar-raba' imputazzjoni li kienet taqra hekk :

> 4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija li huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

9. Illi dan jirrifletti dak li hemm miktub fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Skont is-sentenza ***Micallef*** aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar din is-sitwazzjoni tal-mod kif ġew redatti l-imputazzjonijiet :

> Imma jeħtieġ li fl-imputazzjoni r-reat jiġi formulat skond il-liġi altrimenti reat ma hemmx; għax il-kliem inventati mill-uffiċjal prosekutur, u mhux in konformita mal-liġi, ma joħolqux reat.

10. A differenza tal-każ ***Micallef*** aktar il-fuq imsemmi, f'dan il-każ jirriżulta li hemm ħames imputazzjonijiet u mhux waħda. Il-piena li ingħatat kienet waħda komplessiva għat-tliet imputazzjonijiet li l-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija dwarhom.

11. Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Portelli*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-3 ta' Marzu 1992 dik il-Qorti kienet irrimarkat is-segwenti : -

B'danakollu, ghalkemm il-Pulizija ghandha tiehu hsieb li c-citazzjonijiet kollha jigu redatti bis-sens, bl-attenzjoni u bis-serjetà li jisthoqqilhom, ic-citazzjoni mhix hlief ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Veru li l-artikolu 360(2) Kap. 9 jghid li c-citazzjoni ghandu jkun fiha fil-qosor il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu. Izda dawn l-indikazzjonijiet mhumiex mehtiega mill-ligi taht piena ta' nullità ta' l-att tac-citazzjoni: jista' d-difett taghhom igib in-nullità meta tali mankanza tirrendi l-imputazzjoni inċerta (Kollez. Vol. XXV.IV.914);

12. U huwa preċiżament dak li ġara f'dan il-każ. Il-lokuzzjoni użata fit-tieni imputazzjoni tirrendi din l-imputazzjoni verament inċerta – b'mod partikolari meta din kienet ġja ġiet preċeduta b'imputazzjoni taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi u segwita bl-imputazzjoni taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Eżattament, allura x'ried aktar jimputa l-prosekutur bit-tieni imputazzjoni? U aktar minn hekk, allura, x'reat kienet qegħda tikkontempla li sabet lill-imputata ħatja tiegħu l-Qorti tal-Maġistrati ġaladarba li minn ħames imputazzjonijiet hija kwotat biss erba' artikoli tal-Liġi li joħolqu r-reat u ċjoe l-artikoli 95, 96, 251B u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, bl-aħħar żewġt artikoli tiddikjara li ma sabitx ħtija dwarhom? Żgur li allura l-artikolu li joħloq ir-reat taħt it-tieni imputazzjoni jidher li ma ġiex ċitat mill-Qorti u dan minnu nnifsu, skont dak li illum jista' jitqies *ius receptum,* jirrendi s-sentenza nulla.

13. Mill-banda l-oħra f'dan il-każ kien hemm inċident wieħed imputat lill-imputata, marbut b'data, ħin, lok u ċirkostanzi. U għalhekk ġaladarba kienu diġa ġew imputati l-artikoli 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali taħt l-ewwel u r-raba' imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni ma setgħetx tidduplika dawn l-imputazzjonijiet jew waħda

minnhom għax altrimenti jista' jiġi mifhum li l-Qorti tal-Maġistrati tkun sabet lill-imputata ħatja darbtejn fuq l-istess reat.

14. Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sejbien ta' ħtija fuq it-tieni imputazzjoni jirrendi din is-sentenza inċerta; u l-piena komplessiva imposta tirrendiha aktar inċerta minn hekk. [1]

15. Illi din il-Qorti tifhem ukoll li f'materja t'appelli kriminali il-formaliżmu żejjed ma hemmx postu u li fejn ikun legalment possibbli għandu jkun hemm sforz favur il-validita tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati, b'mod li safejn possibbli l-Qrati għandhom jaraw li s-sentenzi jiġu salvati u mhux annullati.[2] Mill-banda l-oħra, is-sentenzi li jiddeċiedu indoli penali huma materja delikata ħafna, ta' interess pubbliku u li jolqtu direttament u fil-laħam il-ħaj il-jeddijiet u libertajiet tal-individwu. In kwantu tali jekk ikun hemm raġunijiet gravi li minħabba fihom sentenza ma tkunx tista' tiġi ritenuta li tissodisfa l-voti tal-Liġi jew li jkun fiha nuqqasijiet organiċi tali ma tkunx tista' tiġi ritenuta sentenza legalment valida, inkluż minħabba problemi proċedurali jew formali konċernanti xi imputazzjoni speċifika, allura din il-Qorti tkun kostretta li tipproċedi għad-dikjarazzjoni tan-nullita tagħha, inkluż billi tieħu provvedimenti *marte proprio*, *ex officio* jekk ikun il-każ. Dan għaliex *in criminalibus* il-ġudikabbli għandu dritt bażiku li jara li jekk

[1] Jiġi rimarkat ukoll li f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati applikat il-piena komplessiva tal-multa t'erbat elef euro, iżda fost ir-reati li tagħhom instabet il-ħtija jirriżulta li hemm dak tal-attakk jew reżistenza kontra uffiċjali pubbliċi li, anke fiż-żminijiet tar-reati in kwistjoni kien iġorr il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena.

[2] Ara wkoll ***Il-Pulizija vs Emmanuel Zammit*** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-16 ta' Jannar 1986.

għandu jiġi misjub ħati bis-saħħa ta' sentenza ta' Qorti u jeħel piena pekunjarja jew restrittiva tal-liberta personali tiegħu, tali sentenza għandha tkun kemm formalment kif ukoll sostantivament tajba, u li toħloq ċertezza legali billi *in primis* tkun tissodisfa il-formalitajiet tal-Liġi kif ukoll tkun konsistenti mal-proċedura legali, ma tkunx konfliġġenti mal-istess jew tkun bażata fuq imputazzjoni ibrida u konsegwentement inċerta.

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet u partikolarment lill-appellanti mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* f'dan il-każ, qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti tal-proċess lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi dan il-każ skont il-liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***